## FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 16 ta’ Diċembru, 2015

**Kawża Nru 30**

**Rik. Nru. 259/14JRM**

Annunziata *sive* Nancy **BUĠELLI**

**vs**

Joanne **CARUANA** u żewġha Joseph Caruana għal kull interess li jista’ jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta’ Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attrici titlob li din il-Qorti (a) ssib illi l-konvenuti miżżewġin Caruana, permezz taċ-ċedola ta’ depositu numru 1865/13, ippretendew illi l-konvenuta Joanne Caruana għandha jedd f’sehem indiviż mill-inkwilinat tal-fond bin-numri mija u sittax (116), mija u sbatax (117) u mija u tmintax (118), Triq il-Kbira, Żejtun, ta’ liema fond l-

attriċi hija s-sid; u (b) tagħti żmien qasir u perentorju ta' mhux iktar minn tliet xhur lill-imharrkin jew lil min minnhom sabiex iressqu l-pretensjonjiet tagħhom b'kawża, għall-finijiet tal-artikoli 403 u 404 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li fin-nuqqas jiġi lilhom impedut li jaġixxu qatt iżjed għal din il-pretensjoni u li jżommu s-skiet għal dejjem. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħ il-jedd tagħha għal kull azzjoni legali meħtieġa;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' April, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imharrka u tat direttivi lill-attrici dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' Mejju, 2014, li biha l-imħarrka miżżewġin Caruana laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ikkontestaw uħud mill-fatti u ċaħdu t-talbiet bħala li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. B'mod partikolari, saħqu li kemm ilhom miżżewġin dejjem għexu fl-imsemmi fond u kienu hekk magħrufa minn sid il-post u għalhekk il-kirja tagħmel mill-komunjoni tal-ġid tagħhom fiż-żwieġ;

Rat li l-attriċi għajr għal provi dokumentali, ma ressqet ebda prova oħra, u fis-smigħ tal-4 ta' Ġunju, 2014[2], għalqet il-prova tagħha, waqt liema smigħ ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda dwar il-provi tal-imharrka;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistenta Ġudizzjarju mill-imħarrka;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru, 2014[3], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni;

Rat in-nota ta' referenzi tat-3 ta' Frar, 2015[4], ippreżentata mill-imħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Pagg 8 – 9 tal-process
[2] Pag. 18 tal-process
[3] Pag. 37 tal-process
[4] Pag. 39 tal-process

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija kawża ta' jattanza fejn l-attriċi qed issostni li l-imħarrka permezz ta' ċedola ta' depożitu qed ivantaw kontra tagħha pretensjoni li jokkupaw b'titolu fond, li l-attriċi hija s-sid tiegħu, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-liġi tal-kera. L-attriċi trid li l-imħarrka jressqu l-pretensjonijiet millantanti tagħhom f'kawża fiż-żmien li din il-Qorti tagħtihom u, jekk jonqsu li jagħmlu dan, li jaqa' fuqhom is-skiet għal dejjem dwar l-istess pretensjoni;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħu billi qalu illi l-kirja taqa' fil-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, u li għalhekk il-kirja għandha tiġi rikonoxxuta u mħallsa miż-żewġ imħarrka;

Illi bħala **fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti** jirriżulta li l-attrici hija sid il-fond numru 116, 117, 118, Triq il-Kbira, Żejtun, liema fond kien mogħti b'kirja lil Paul Caruana, missier l-imħarrek[5];

Illi l-imħarrek twieled f'dan il-fond, trabba u baqa' jgħix hemm anke tul it-18-il sena żwieġ mal-imħarrka. L-imħarrkin fil-fatt għadhom jgħixu fil-fond flimkien ma' uliedhom[6].;

Illi Paul Caruana ħareġ mill-fond fit-2 ta' Mejju 2008 meta ġie rikoverat fir-Residenza *'St. Vincent de Paul*, fejn miet fid-19 ta' April, 2011[7]. Meta Paul Caruana ġie rikoverat *St. Vincent de Paul*, l-imħarrkin bagħtu jgħarrfu b'dan lill-attriċi u talbu li l-irċevuta tal-kirja tinħareġ fuq isimhom[8]. Huma bagħtu *cheque* ta' sitt xhur kera bil quddiem, liema *cheque* qatt ma ssarraf mill-attriċi[9]. Jirriżulta illi l-attriċi għarfet b'kerrej biss lill-imħarrek fuq dikjarazzjoni magħmula minnu li kien jgħix ma' missieru sa meta ġie nieqes, iżda żammet id-dritt kemm-il darba jirriżulta illi d-dikjarazzjoni tal-imħarrek ma kinetx minnha li tirrevedi l-għarfien mogħti[10]. L-imħarrka qed tippretendi illi hija wkoll tkun magħrufa bħala kerrej flimkien ma' żewġha għaliex il-fond huwa d-dar matrimonjali tagħhom, u l-kirja taqa' fil-komunjoni tal-akkwisti[11];

---

[5] Pag 1 tal-process
[6] Pag. 24 tal-process
[7] Pag. 35 tal-process
[8] Dok. "AB3", pag. 6 tal-process
[9] Pag. 35 tal-process
[10] Dok. "AB1", "AB2", pagg. 4 u 5 tal-process
[11] Twegiba Maħlufa paġ. 10 tal-proċess

Illi fit-18 ta' Settembru, 2013[12], l-imħarrkin ddepożitaw is-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€283.83) b'ċedola fir-Reġistru tal-Qorti bħala tliet skadenzi ta' kera;

Illi fit-28 ta' Marzu, 2014, l-attriċi fetħet din il-kawza;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**konsiderazzjonjiet ta' xejra legali** marbutin mal-kawża, il-Qorti mhix tenuta tidħol fil-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. Huwa risaput illi f'kawża bħal din ta' llum, ta' natura preventiva, il-pretiża tal-attur mhix li l-imħarrkin ma għandhomx dritt fil-liġi li jibqgħu fil-fond, iżda li jekk tabilħaqq għandhom xi dritt, imisshom juru fi żmien qasir x'inhuwa d-dritt vantant minnhom, u jressqu l-kawża meħtieġa biex Qorti tiddeċiedi fuq dak id-dritt[13];

Illi l-attriċi qiegħda tibbaża l-millantazzjonijiet allegati mill-imħarrkin fil-preżentata taċ-ċedola ta' depositu li ġġib in-numru 1865/13. L-imħarrkin qegħdin jippretendu illi huma għandhom il-jedd illi jibqgħu fil-pussess tal-fond minħabba titolu ta' kera li jgħajjat lilhom it-tnejn u li ma jiġux imkeċċija minnu;

Illi fost l-elementi meħtiega sabiex kawża ta' din in-natura tirnexxi, il-pretensjoni għandu jkollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja[14], u għaldaqstant ma tolqotx dawk il-każijiet ta' pretensjonijiet fejn, min jagħmilhom, ma jeħtieġ ebda azzjoni ġudizzjarja biex iġibhom 'il quddiem għaliex ikunu ġa' għandu bi tgawdija jew pussess[15];

Illi huwa mgħallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jeħtieġ jirriżulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra tagħha tkun saret il-pretensjoni tkun fil-pussess tal-ħaġa li jrid jikkawtela, li l-pretensjoni tkun waħda spontanja u mhux provokata, u tkun waħda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawża fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jseħħ jew jista' ma jseħħx[16]. Biex jista' jingħad li pretensjoni tkun waħda spontanja, irid jirriżulta li din ma tkunx ir-riżultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fetħet il-kawża tal-jattanza[17]. Fuq kollox, l-azzjoni ta' jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinżammu 'l quddiem, jeħtieġu azzjoni fil-Qrati;

---

[12] Dok. "AB4", pag. 7 tal-process
[13] P.A. **13.2.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Francalanza***, (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.201**)
[14] Għal elenku tal-prinċipji neċessarji, ara fost oħrajn P.A. **31.5.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Cost Chretien*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.287**) u P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Darmanin & Co Limited vs Maltacom p.l.c. ġja Korporazzjoni Telemalta*** (mhix appellata)
[15] P.A. GCD **4.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. Joseph Bonnet*** (mhix appellata)
[16] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et*** (mhix appellata)
[17] Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli*** (mhix appellata)

Illi għalhekk l-artikolu 403 tal-Kodiċi jrid jingħata tifsira dejqa minħabba li l-azzjoni tal-jattanza għandha l-għan li ġġib fuq il-parti li tagħmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet għal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex jixraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li r-regoli magħmula mil-leġislatur fid-diversi dispożizzjonijiet li jmexxu dawn il-proċeduri speċjali għandhom dejjem jitqiesu bħala partikolari għalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[18] jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...*a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.*"[19] Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;

Illi fil-kawża li tressqet quddiem din il-Qorti, ħareġ li l-imħarrkin diġa' għandhom pussess tal-fond li jippartjeni lill-attriċi u għalhekk ma hemmx il-ħtieġa tal-ebda azzjoni min-naħa tagħhom biex l-attriċi tagħtihom pussess. Jonqos għalhekk ukoll wieħed mill-elementi li jista' jsejjes "millantazzjoni" għall-finijiet tal-liġi, jiġifieri wieħed mill-elementi ewlenin li bih l-azzjoni attriċi tista' tirnexxi;

Illi, b'żieda ma' dan, huma kellhom jgħaddu biex iqegħdu l-kera b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti b'rejazzjoni għar-rifjut min-naħa tal-attriċi li taċċetta l-kera mibgħut lilha dwar xi skadenzi li kienu għalqu. Din iċ-ċirkostanza twaqqa' element ieħor meħtieġ biex tista' tirnexxi l-azzjoni attriċi – jiġifieri dak tal-ispontanjeta'. Biex isseħħ l-azzjoni ta' jattanza l-pretensjoni ma tridx tkun il-frott ta' provokazzjoni mill-parti l-oħra[20]. Għall-finijiet ta' din l-għamla ta' azzjoni, il-'provokazzjoni' tfissret bħala "*att li jixpruna rejazzjoni u l-att provokattiv mhux neċessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-aġent ikun l-istatus quo u l-parti l-oħra tiġi għalhekk kostretta tikkontesta*"[21]. Dan għaliex mhuwiex mogħti lil xi parti li titħalla tikseb "vantaġġ strateġiku"[22] biex iġġiegħel lill-parti l-oħra sseffaq wiċċha ma' kawża li l-parti 'provokatriċi' ma tkunx ħerqana li tiftaħ hija nnifisha;

Illi la darba ħareġ li dawn l-elementi jinsabu nieqsa fil-każ li hawn quddiemha, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa illi tistħarreġ aktar fuq l-elementi illi kellhom jiġu sodisfatti mill-attriċi biex tirnexxi l-azzjoni tagħha;

---

[18] *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1456
[19] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. **13.12.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Francia*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.332**)
[20] App. Ċiv. **25.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pickard vs Grace Anderson***
[21] App. Ċiv. **28.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Aġius et vs Joseph Meliaq et***
[22] P.A. JA **6.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Madliena Developments Ltd vs Uffiċċju Konġunt***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** imressqa mill-imħarrkin fil-mertu ladarba huma jinsabu diġa' fil-pussess tal-fond;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** għaliex ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Dicembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Dicembru, 2015**